MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ U ID-DJALOGU SOCJALI

MALTA

MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS AND EQUALITY

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EU FUNDS AND SOCIAL DIALOGUE

*Id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi*

*Funds and Programmes Division*

**Notifika mill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020**

**Lill-Applikanti kollha taħt il-Miżuri tal-Investimenti tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020**

L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020 (MA) tixtieq tinfurmak li hekk kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 (Art. 60) dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), *nefqa mġarrba wara li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni lill-awtorità kompetenti għandha titqies eliġibbli.*

**Dan ifisser li kwalunkwe' nefqa eliġibbli marbuta mal-investiment propost fl-applikazzjoni li saret jew li ser issir wara d-data tal-applikazzjoni u qabel ma jkun intagħżel il-proġett għandha titqies eliġibbli.**

Importanti tifhem li hekk kif stipulat fil-linji gwida tal-miżuri, in-nefqa eliġibbli tiġi rimborsata (skont l-intensità jew limitu tal-ammont tal-għajnuna) lura mill-Programm **jekk il-Proġett jiġi magħżul u jkun għad fadal fondi disponibbli għall-proġett**.

Minħabba ż-żewġ punti msemmija hawn fuq, jiġifieri (1) l-għażla tal-Proġett u (2) d-disponibbiltà tal-fondi, wieħed għandu janalizza ċ-ċirkostanzi personali pertinenti qabel jiddeċiedi li jibda x-xogħlijiet, u allura n-nefqa, marbuta mal-Proġett. L-Awtorità ta' Ġestjoni u/jew l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) tista' wkoll tiddeċiedi, primarjament abbażi tal-eliġibbiltà tal-ispiża jew il-proċedura adottata għal xiri ta' servizzi u prodotti, li xi komponent partikolari mill-applikazzjoni ma jkunx rimbożat.

Għaldaqstant, wieħed għandu jsegwi l-linji gwida kemm tal-MA kif ukoll tal-ARPA.

Tajjeb wieħed ifakkar ukoll li l-Programm, hekk kif stipulat fl-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1305/2013 *Investimenti f'assi fiżiċi*, ma jistax jappoġġja komponenti ta' proġett li huma obbligatorji bil-liġi. Per eżempju, wieħed ma jistax jitlob rimborż lura ta' nefqa marbuta ma' demmiela, jekk l-istess razzett m'huwiex konformi mal-liġijiet applikabbli (fir-rigward ta' dik id-demmiela).

Parliamentary Secretariat for EU Funds and Social Dialogue
Triq il- Kukkanja, Santa Venera. SVR 1411
TELEPHONE: +356 2200 1108 FAX: +356 2200 1141
WEBSITES: www.eufunds.gov.mt www.eufundsmalta.gov.mt
EMAIL: fpd.meae@gov.mt

L-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 Ta' Diċembru 2013, jistipula li l-operazzjonijiet ma għandhomx jiġu magħżula għall-appoġġ mill-Fond fejn ikunu tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma tkun ġiet imressqa applikazzjoni mill-benefiċjarju lill-Awtorità ta' Ġestjoni.

**Din in-notifka tapplika għal applikazzjonijiet taħt il-miżuri 4.1, 4.4 u 6.1 li ġew milqugħa mill-Awtorità ta' Ġestjoni u li għalihom inħarġet *acknowledgement letter* mill-istess Awtorità**. Għal applikazzjonijiet futuri, wieħed għandu jsegwi l-linji gwida applikabbli.

Sabiex wieħed jassigura trasparenza fin-nefqa kif ukoll nefqa li tirrifletti tajjeb il-prezzijiet attwali tas-suq, wieħed għandu jaċċerta li jkollu tal-anqas tlett (3) kwotazzjonijet validi minn fornituri ta' prodott jew servizz differenti. Il-fornituri għandhom ikunu indipendenti minn xulxin kif ukoll mill-benefiċjarju nnifsu. Wieħed għandu jagħmel referenza għad-dokument tal-ARPA *Guidelines on the Submission of Payment Claims related to Investment Measures,* li jinstab fuq il-websajt https://agriculture.gov.mt/en/arpa/Pages/ARPAhome.aspx .

Aktar dettalji jinsabu fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Ġestjoni **www.eufundsmalta.gov.mt** jew **www.eufunds.gov.mt**. Tista' tagħmel kuntatt mal-Awtorità billi ċċempel fuq 2200 1108 jew tibgħat email **rdd.meae@gov.mt.**

Għal mistoqsijiet marbuta mal-validità ta' kwotazzjonijet, wieħed għandu jagħmel kuntatt mal-ARPA fuq 2292 6148 jew **b'email arpa.mesdc@gov.mt.**

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020**

Parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' Ko-finanzjament:
75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta

***Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:***
***L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali***

Parliamentary Secretariat for EU Funds and Social Dialogue
Triq il- Kukkanja, Santa Venera. SVR 1411
TELEPHONE: +356 2200 1108 FAX: +356 2200 1141
WEBSITES: www.eufunds.gov.mt www.eufundsmalta.gov.mt
EMAIL: fpd.meae@gov.mt